9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 59**

**It-Tnejn, 21 ta' Novembru 2022**

Il-Laqgħa numru 59 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**59.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

Is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Roberta Sultana kienet assenti minħabba l-fatt li miet missierha.

F'dan ir-rigward, saret minuta silenzju bħala sinjal ta' rispett.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**59.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tat-58 laqgħa ġew approvati unanimament.

**59.2.2 Korrezzjonijiet**

**59.2.2.1 – Minuta 58.3.2 -** titneħħa l-kelma "issir"
**59.2.2.2 – Minuta 58.3.2 -** wara il-kelma tfal tiżdied il-frazi "akkumpanjati mill-Banda"
**59.2.2.3 – Minuta 58.4.3** – titneħħa il-kelma "hemm" u issir "hekk"
**59.2.2.4 – Minuta 58.5.5** – flokk il-kelma "skart" issir "knis"
**59.2.2.5** – **Minuta 58.5.5** – flokk "Azzoprdi" issir "Azzopardi"

**59.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**59.3.1** Minuta 58.3.3 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Assistant Principal is-Sa Silvana Agius Degabriele mhux ser tkun possibbli li tibda tahdem mal-Kunsill minħabba l-fatt li ġiet infurmata li hi ma tistax taħdem mal-ebda entita' tal-Gvern minħabba l-ftehim li għandha. F'dan ir-rigward ikollha tinħareġ sejħa oħra.

**59.3.2** Minuta 58.3.7 - Is-Sindku informa lill-membri li l-applikazzjonijiet fuq il-kiri tal-garaxx għalaq fit-30 t'Ottubru u l-Kunsill kien irċieva żewġ applikazzjonijiet mingħand:

- Is-Sur Darren Busuttil b'kirja annwali ta' €1800 fis-sena għal garaxx ta' 22.10 metri kwadri.
- Is-Sur Mario Farrugia b'kirja annwali ta' €8400 fis-sena għal garaxx ta' 57 metri kwadri.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex jinkera temporanjament il-garaxx tas-Sur Darren Busuttil li hija l-irħas offerta u li għandha taqdi l-ħtiġijiet tal-mument.

**59.3.3** Minuta 58.4.3 - Is-Sindku informa lill-membri li l-mixja tal-President ġiet posposta għall-Ħadd 11 ta' Diċembru 2022. Huwa zied jgħid li għal din l-attivita' ser jipparteċipaw l-Scouts Group ta' Santa Venera u l-Jackson's Pipe Band.

**59.3.4** Minuta 58.5.7 – Is Sindku informa lill-membri li l-Kunsill bagħat il-lista tat-toroq li għad iridu jsiru lil-*Infrastructure Malta*. Apparti minn hekk ġie nnutat li x-xogħol fi Triq is-Soll k/m Triq il-Ħarrub jinsab wieqaf minħabba inkjesta li għadha għaddejja wara l-ħruq li kien hemm fl-imħażen tal-madwar.

**59.3.5** Minuta 58.5.9 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kumitat Festi Esterni Santa Venera kkonfermaw l-interess tagħhom u mill-1 ta' Novembru 2022 bdew jiftħu u jagħlqu l-ġonna ta' Santa Venera.

**59.3.6** Minuta 58.6.2 – Is-Sindku informa lill-membri li Jum Santa Venera kien suċċess. Apparti minn hekk is-Sindku qal li kien ser ikellem lill-avukat tal-Kunsill sabiex naraw jekk il-liġi tal-Kunsill torbotx lill-istess Kunsill fuq l-ispiża.

**59.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**59.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand GreenPak fejn dawn infurmawna li l-aħħar ġurnata li huma għandhom x'jaqsmu mal-ġbir tal-iskart riċikabbli u l-ġbir tal-ħġieg huwa sat-30 ta' Diċembru 2022.

**59.5 Rapporti / Korrispondenza**

**59.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li kien ser igib stima mingħand il-kuntrattur attwali kemm ser tigi tiswa. Infetħet diskussjoni wkoll fuq il-*bins on wheels* għaliex dawn mhux qegħdin speċifikament inklużi fil-Kuntratt il-ġdid tar-Reġjun. Is-Sindku spjega li l-Kunsill jista' jagħmel arranġament ma' min ser ikun il-kuntrattur il-ġdid u dawn jitħalsu direttament mill-Kunsill. Wara diskussjoni l-membri ddeċidew li kien hemm tlett għażliet

1. Jitneħħew
2. Jiżdiedu
3. Jew jibqghu bl-istess ammont li hemm preżentament.

Uħud mill-Kunsilliera qablu li l-*bins on wheels* għandhom jitneħħew u ghaldaqstant is-Sur Kirsten Dimech ppropona u s-Sur Gianluca Falzon issekonda sabiex jitneħħew. Ittieħed vot fejn 3 kienu favur (Sur Dimech, Sur Falzon, Sur Joe Vella), 3 astjenew (Sur Sultana, Sur Silvio Vella, Sja. Farrugia) u xejn voti kontra. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li dawn għandhom jitneħħew u tintbgħat ittra lir-residenti.

**59.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ircieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista' jipprovdi trasport b'xejn lill-pazjenti li jkunu rikoverati fid-dar tal-Hospice li tinsab f'Santa Venera. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament pero trid tittieħed in konsiderazzjoni jekk hux ser jiġu offruti nurses matul it-traġitt, fost l-oħrajn.

**59.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sur Noel Cassar li għandu l-kumpanija *Easy2 choose* li hija kumpanija tal-marketing li tagħmel promozzjoni lill-intrapiżi, jobs, u attivitajiet. Dawn għandhom website, Mobile App u social media pages fuq Facebook, LinkedIn, Instagram and Twitter.

Wara diskussjoni l-membri qablu li l-Kunsill jerga' jikkonisdra din it-talba fi żmien sitt xhur.

**59.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fejn ippubblika sejħa fuq l-ePPS għal servizz ta' Data Protection Officer li jista' jiġi utilizzat mill-Kunsilli Lokali fir-reġjun. Il-proċess tal-evalwazzjoni ġie mitmum u ġie ffirmat kuntratt ma' Adrian Mifsud sabiex jipprovdi dan is-servizz. Il-Kunsilli Lokali li jiddeċiedu li jibdew jużaw is-servizzi ta' dan is-service provider se jkunu qed iħallsu huma lis-service provider is-somma ta' 18-il ewro (vat eskluża) għal kull siegħa ta' servizz li jintalab.

Huma talbu sabiex dawk il-Kunsilli Lokali li jixtiequ jibdew jagħmlu użu mis-servizzi tad-data protection officer tar-reġjun għandhom jinfurmaw sat-30 ta' Novembru 2022.

Wara diskussjoni is-Sindku qal li dan DPO huwa l-istess wieħed li l-Kunsill għandu kuntratt miegħu bħalissa u għaldaqstant l-Kunsill jista' jissieħeb mar-Regjun għal dan is-servizz iżda iridu jiġu kjarifikati t-termini kuntrattwali li jeżistu fil-preżent.

Il-membri qablu unanimament.

**59.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sur Luke Calleja student l-MCAST sabiex jiġi fil-Kunsill u bhala Community Worker u jaħdem 20 siegħa fil-ġimgħa.

Wara diskussjoni l-membri ma sabux oġġezzjoni.

**59.5.6** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-Kunsill irċieva kommunikat mingħand Dott Lydia Abela, sabiex il-Kunsill jipparteċipa fl-attività 'Rigal bi mħabba' fejn il-Kunsill qed ikun mitlub sabiex tinxtegħel siġra tal-Milied sabiex ir-residenti bejn it-12 u d-19 ta' Diċembru ikunu jistgħu jpoġġu r-rigali tagħhom fejn eventwalment jitpoġġew fil-pjazza ta' Kastilja.

Il-membri qablu unanimament sabiex il-Kunsill jipparteċipa u s-siġra issir fil-parapett tal-Kunsill.

## 59.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 59.6.1 Triq il-Kbira San Ġuzepp

Is-Sindku informa lill-membri li Infrastructure Malta infurmawh li fil-qrib ser jibda x-xogħol tal-bini mill-ġdid ta' Triq il-Kbira San Ġużepp u b'hekk il-Kunsill irid jiddeċiedi x'tip ta' bankina ser issir in vista li l-Gvern ser jagħmilha tal-konkos.

### 59.6.2 Bagit 2023

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal lill-membri tal-Kunsill l-estimi tal-bagit 2023. Ġew diskussa il-Financial Committments kollha li l-Kunsill għandu għas-sena 2023 fejn jirrigwardaw il-proġetti kapitali.

Is-Sindku ppropona l-bagit hekk kif kien ġie diskuss filwaqt li s-Sur Joseph Vella issekonda lis-Sindku u l-membri qablu unanimament.

### 59.6.3 Traffic Management – Triq San Ġorg u l-akwati

Is-Sindku preżenta traffic management ta' Triq San Gorg, Triq Salvinu Spiteri u Triq il-Qalb Imqaddsa li sar minn Dr Antoine Zammit. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu sabiex fil-laqgħa li jmiss Dr Zammit ikun preżenti ħalli b'hekk il-membri tal-Kunsill ikunu f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet li għandhom filwaqt li Dr Zammit ikun jista' wkoll jispjega il-pjan tiegħu aktar fid-dettal.

## 59.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**59.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 407 u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Sa Courtney Farrugia u Sekondant: Is-Sur Joe Vella.

**59.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**59.9 Lista ta' Ilemti**

**59.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti:

| | |
|---|---|
| 906 | Ma tistax issir |
| 908 | Contracts Manager |
| 909 | Contracts Manager |
| 911 | Ħaddiema Assenjati |
| 912 | Bankina ma nbidlitx |
| 913 | Gardinar |
| 925 | Ħaddiema Assenjati |
| 927 | Contracts Manager |
| 928 | Gardinar |
| 935 | Skont il-policy trind tingabar petizzjoni |
| 936 | Mhux possibbli li ssir |
| 937 | Tinħareg WO lil Grima & Sons |

## Ilmenti preċedenti

| | |
|---|---|
| 701 | Ma tistax issir |
| 823 | Ninfurmaw lis-Sid |
| 863 | Ħaddiema Assenjati |
| 873 | Propjeta private ma jista jsir xejn |
| 876 | Gardina biex jizbor |
| 878 | Xoghol tlesta |

## 59.11 Mistoqsijiet mill-Kunsillera

### 59.11.1 Mistoqsija mis-Sa. Roberta Sultana u mis-Sur Joe Vella

Mistoqsijet u tweġibiet, annessi mal-minuti bħala "Doc. A".

## 59.12 Mozzjoni – Trasport b'xejn lejn is-Suq tal-bdiewa (Annex 1)

Is-Sindku talab lis-Sa Courtney Farrugia sabiex taqra din il-mozzjoni li tinsab annessa ma dawn il-minuti. Wara diskussjoni, is-Sindku rrimarka li l-Gvern qed joffri servizz b'xejn f'dak li jirrigwarda transport apparti li l-Kunsill huwa kommess li għas-sena d-dieħla jipprovdi ukoll vann għal benefiċċju tal-anzjani.

Wara li tkompliet d-diskussjoni, ittieħed vot fuq din il-mozzjoni fejn voti favur kien hemm 2 voti, astenzjonijiet xejn u kien hemm 4 voti kontra, għaldaqstant il-mozzjoni m'għaddietx.

## 59.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għas-19 ta' Diċembru 2022, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 19 ta' Diċembru, 2022